# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 29 ta' Mejju, 2024

**Rik. Nru. 104/2022 ISB**

**Anthony Pace (KI 359253M)**

**vs**

**Marsa Rebar Ltd (C-65986)**

**Bartolo Brothers Holdings Ltd (C-65983)**

**Malcolm Bartolo (KI 331484M)**

**Etienne Bartolo (KI 227778M)**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GĦAT-TALBA TAL-INTIMATI KIF VERBALIZZAT FIS-SEDUTA TAL-24 TA' MARZU 2024, FEJN IR-RIKORRENT QED JITLOB ILLI JIĠI PERMESS LILU JESEBIXXI DOKUMENTI IN KONTRO-EŻAMI FILWAQT ILLI L-INTIMATI QED JOPPONU GĦAL DAN**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** promotur tas-27 ta’ Ottubru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti ressaq azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-**risposta** tal-intimati ntavolata fil-15 ta’ Diċembru 2022.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta’ April 2024.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2024.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti qiegħed iressaq din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi f’dan l-istadju il-partijiet qegħdin iressqu l-provi tagħhom biss u limitatament fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti.

Illi fl-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2023, ġie verbalizzat hekk:

> *Id-Difensuri tar-rikorrenti jiddikjaraw illi bin-nota tar-rikorrent tal-10 ta’ Marzu 2023, ir-rikorrent għalaq il-provi tiegħu fir-rigward tat-tieni talba.*

U l-kawża tħalliet għall-provi tal-intimati proprju fuq din it-tieni talba, hekk kif verbalizzat fl-istess udjenza “*bil-għan illi tingħata deċiżjoni separata fuq din l-istess talba*”.

Illi fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2023 sar il-kontro-eżami tar-rikorrenti u sussegwentament ġew ippreżentati anke affidavits tal-intimati.

Illi fl-udjenza tat-22 ta’ April 2024, waqt illi kien qed isir il-kontro-eżami tal-intimat Etienne Bartolo, ir-rikorrenti ried jippreżenta numru ta’ dokumenti, kopja ta’ liema ngħataw lid-difensuri tal-intimati filwaqt illi ngħata differiment qasir bil-għan illi l-istess difensuri tal-intimati jiddikjaraw kellhomx oġġezzjoni għall-presentata tal-istess dokumenti f’dan l-istadju ta’ kontro-eżami jew le.

Illi fl-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2024, gie verbalizzat hekk:

> *L-Avukat Franco Galea qed jippreżenta nota b’numru ta’ dokumenti u qed jitlob illi dawn jiġu ammessi bhala prova anke jekk l-istadju ta’ provi rikorrenti kienu maghluqa. Dan qed jaghmlu fl-*

> *istadju tal-kontro-eżami ta' Etienne Bartolo, fl-ewwel lok peress illi dan id-dokumenti ma kienux fil-pussess tiegħu meta għalaq il-provi tar-rikorrenti u fit-tieni lok peress illi l-intiza tar-rikorrenti hija li jiskredita dak li qal ix-xhud Etienne Bartolo fid-deposizzjoni oriġinali tiegħu.*
>
> *L-Avukat Louis DeGabriele għall-intimati jopponi għall-prezentata tal-imsemmija dokumenti, fl-ewwel lok għaliex tali dokumenti setgħu kieku ried kieku fil-pussess tar-rikorrent qabel ma għalaq il-provi tiegħu, jekk xejn anke billi ressaq rappreżentant tas-socjeta' intimata sabiex jesebihom, u fit-tieni lokm peress illi r-rikorrenti ma ndikax liema partijiet mid-depozizzjoni ta' Etienne Bartolo r-rikorrent irid jiskredita.*

F'dik l-istess seduta, il-Qorti irriżervat illi tipprovdi dwar dan *in camera*, kif fil-fatt qed tagħmel issa, u tipprovdi ukoll dwar l-prosegwiment tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-**Artikolu 580(1) tal-KAP 12** tal-Liġijiet ta' Malta jgħid preċiżament hekk:

> *Fil-kontro-eżami, ix-xhud jista' jiġi mistoqsi biss dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-eżami, jew fuq ħwejjeġ li jistgħu jwaqqgħu l-kredibbiltà tax-xiehda tiegħu.*

Is-sub-artikolu (2) mbagħad jispeċifika illi *meta l-parti li tagħmel il-kontro-eżami tkun trid tipprova bl-istess xhud xi ċirkostanza li ma jkollhiex x'taqsam mal-fatti li fuqhom tkun ingħatat ix-xiehda fl-eżami, tista', kemm-il darba l-qorti, għal raġuni tajba, ma tordnax xort'oħra, iġġib dan ix-xhud fiż-żmien li jmiss u teżaminah bħala xhud tagħha; u f'dak il-każ, il-qorti tista', fuq talba bil-fomm ta' din il-parti, tordna lix-xhud li ma jitbiegħedx mill-qorti, biex jista' jiġi msejjaħ mill-ġdid u mistoqsi; u dik l-ordni tiswa daqs il-mandat ta' taħrika msemmi fl-artikolu 568(1).*

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz in eżami, ir-rikorrenti qed jitlob illi jressaq provi dokumentali ġodda għal żewġ raġunijiet, fl-ewwel lok għaliex igħid illi ma kinux fil-pussess tiegħu meta huwa ddikjara provi magħluqa, u fit-tieni lok peress illi jrid jiskredita x-xhud.

Il-Qorti fliet id-dokumenti in kwistjoni u tqis illi mhix skuża illi d-dokumenti ma kinux fil-pussess tar-rikorrenti meta huwa għalaq il-provi, peress illi tilqa' u tikkondividi is-sottomissjoni tad-difensur tal-intimati f'dan is-sens meta gie sottomess illi xejn ma kien iżomm lir-rikorrenti milli jħarrek lill-intimat sabiex jippreżenta d-dokumenti de quo. Fi kwalunkwe kaz, lanqas f'dan l-istadju ma r-rikorrent talab illi jressaq lix-xhud bħala xhud tiegħu.

In kwantu it-tieni bażi tat-talba tar-rikorrent biex id-dokumenti jiġu ammessi, u cioe` illi jiskredita lix-xhud, il-Qorti ma tistgħax tqis illi din ir-raguni għandha mis-sewwa. Il-Qorti aktar tqis illi in kontro-eżami ix-xhud beda' jirrispondi għad-domandi kollha li sarulu u ma jidhrilhiex illi kien hemm xi kwistjoni dwar kredibilita' tiegħu kif allegat mir-rikorrenti. Certament illi dan qed jingħad dejjem mingħajr preġudizzju għall-eżami approfondit illi l-Qorti għad trid tagħmel tal-provi u d-depozizzjonijiet kollha maghmula biex tasal biex tieħu deċiżjoni giusta u ekwa dwar l-ewwel talba.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, il-Qorti qed tgħaddi biex **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġu ammessi bħala prova tar-rikorrenti d-dokumenti annessi man-nota tal-24 ta' Mejju 2024 (fol 247) u konsegwentament **tordna** lid-Deputat Reġistratur sabiex jisfilza l-istess nota bid-dokumenti mill-atti billi jpoġġihom f'envelope issiġillat.

Il-Qorti qegħda għalhekk tiddikjara provi tal-partijiet fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti magħluqa, u,

Tippreﬁġġi **sal-aħħar ta' Lulju 2024** għal nota ta' sottomissjonijiet qasira fir-rigward tat-tieni talba, bin-notifika lid-difensuri tal-intimati anke b'mezzi elettroniċi, li min-naħa tagħhom ikollhom **sal-aħħar ta' Settembru 2024** sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom bin-notifika anke b'mezzi elettroniċi lid-difensur tar-rikorrenti, u

**Tordna** illi fis-seduta illi jmiss, dik tat-18 ta' Novembru 2024 fil-11:15am, id-difensuri iressqu kawlsiasi sottomissjoni verbali li jħossu opportuna, bil-għan illi wara dik is-seduta, il-kawża titħalla għas-**sentenza in parte** dwar it-tieni talba kif tinsab fir-rikors promotur.

**Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ispejjeż mas-sentenza finali.**

**Tordna il-komunika minnufih b'mezzi elettroniċi ta' dan id-digriet lill-Avukat Dr Franco Galea għar-rikorrenti u lill-Avukat Louis Degabriele għall-intimati.**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA llum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |